MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Avviz Numru. 478/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentnaza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Anthony Schranz sija bil-polza u sia bil-ligi u b'nota tat-30 ta' April 2003 is-socjeta GasanMamo Insurance Limited assumiet id-drittijiet u l-obbligi kollha**
**f'Malta tas-socjeta assikuratrici estera CGU Insurance**
**plc hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Schranz sija bil-polza u sija bil-ligi.**

**Vs**

**Jason Galea**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi

kundannat li jhallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' elf, sitt mija u sebghin Lira (Lm1670) rapprezentanti hlas ta' danni mill-konvenut ikkagunati f'incident awtomobilistiku li sehh fis-7 ta' Mejju, 2001, fi Triq tal-Balal, limiti tan-Naxxar, bejn il-vettura HAT 736 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru SCH 101 misjuqa minn Bruce Cauchi u proprieta u b'digriet tal-21 ta' Jannar 2003 zdiedu l-kiem "tal-assikurat Anthony Schranz minflok il-kelma 'tieghu' ", liema incident gara unikament tort tal-konvenut, minhabba traskuragni, imperizja, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ma dan l-avviz, u bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 11 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi r-responsabilta' da parti tal-konvenut ghall-akkadut hija ammessa, izda d-danni kagunati fl-incident de quo ma jammontawx ghall-ammont pretiz mis-socjeta attrici izda ghall-ammont inqas, u ghalhekk l-ammont reklamat mill-atturi huwa eccessiv u kontestat u dan kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi l-konvenut permezz tas-socjeta assigurata tieghu baghat pagament fl-ammont ta' elf, tlett mija u sebghin lira Maltin (Lm1370) fil-21 ta' Marzu 2002 li jirraprezenta ammont aktar reali ta' danni sofferti mill-assigurat tas-socjeta attrici, liema ammont ma giex accettat minghajr raguni valida u ghalhekk l-eccipjenti m'ghandu jbati ebda spejjez in konnessjoni ma din il-kawza.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti tal-kawza specjalment id-digriet moghti fil-21 ta' Jannar 2003 a fol 13 tal-atti kif ukoll l-imsemmija nota tat-30 ta' April 2003 a fol 14 ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif risultanti mill-imsemmija nota tal-eccezzjonijiet sottomessa mill-konvenut, ir-responsabilta tieghu ghall-incident in esami hi ammessa.

Ikkunsidrat

Illi, di fatti, f'dan il-kaz hemm kontestazzjoni, biss, dwar il-'quantum' ta' danni li ghandu jithallas mill-istess konvenut u dwar dan il-provi principali huma kif ser jinghad:-

a) Hugh P. Zammit permezz ta' 'affidavit' u dokumenti esebiti minnu a fol 16 et seq ibid tal-atti, spjega illi s-socjeta assikuratrici tal-assikurat kienet inkarigat lil Joseph Buttigieg sabiex jaghmel 'survey' tal-vettura uzata mill-assikurat tas-socjeta attrici nomine. Dan ir-rapport tlesta fl-10 ta' Mejju 2001. Minn dan is-'survey' esebit in atti a fol 19 jidher li l-vettura tal-assikurat tas-socjeta' attrici nomine numru SCH101 sfat 'beyond economical repair' u gie dikjarat illi l-'pre-accident value' taghha kien Lm1800 b'valur bhala 'wreck' ta' Lm130. A bazi tal-istess 'survey', is-socjeta attrici nomine hallset lill-assikurat taghha s-somma ta' Lm1800 skond kif risultanti mill-ircevuti bid-data tal-1 ta' Frar 2002 u tinsab a fol 23 tal-atti. Ix-xhud kompla biex jghid illi sas-16 ta' Novembru 2001 ossija izjed minn sitt xhur wara d-data tal-incident, is-socjeta assikuratrici tal-konvenut ma kienetx ghadha hallset l-imsemmija danni u ghalhekk kien sar kuntatt maghha fid-data msemmija. Da parti taghha s-socjeta assikuratrici tal-konvenut kienet wiegbet peremzz ta' 'fax' li mieghu kien hemm anness 'survey report' iehor datat it-18 ta' Novembru 2001 u li hu esebit a fol 22 tal-atti fejn, hawnhekk, jidher 'pre-accident value' aktar baxx u ammontanti ghal Lm1450 u valur bhala 'wreck' ta' Lm100. Dwar dak premess, ix-xhud enfasizza illi kien sar ir-risarciment mill-assikurat tas-socjeta attrici "… partikolarment in vista tal-fatt li s'surveyor' Joseph Buttigieg kien tqabbad fuq inkarigu tas-socjeta' Allcare Insurance Agency Ltd' u mhux b'xi ghazla tas-socjeta attrici u ghaldaqstant hassejna li s-socjeta "Allcare Insurance Agency Ltd" kienet qed tafda fil-gudizzju tieghu kompletament".

b) l-istess Joseph Buttigieg (fol 38 u fol 39 ibid) ikkonferma illi hu kien ghamel zewg ‘surveys’ f’dan il-kaz, wahda ghal kull vettura involuta f’dan il-kaz u dan fuq inkarigu tas-socjeta assikuratrici tal-konvenut. Quddiem il-Qorti, oltre li semma a basi ta’ liema kriterji kien wasal ghal dak specifikat fis-‘survey report’ tieghu, hu konferma l-kontenut tal-istess rapport.

c) Peter Bonnici (fol 46 et seq ibid) ikkonferma s-‘survey report’ a fol 22 tal-atti sottomess minnu u li gja saret referenza ghalih, liema raport jgib id-data tat-18 ta’ Novembru 2001. Dan semma illi kien wasal ghal valur sottomess minnu a bazi ta l’hekk imsejjah “Markat Value Guide Book” (ara fol 55 ibid). Ix-xhud semma’ testwalment “Dan kien gie publikat f’Jannar tal-istess sena’. Minhabba li l-incident gara f’Novembru, jiena ghalhekk hdimt a bazi tal-istess stima u naqqast id-‘depreciation’ ghax-xhur bejn Jannar u Novembru mentri ghandu jigi notat illi, filfatt, l-incident inesami gara fis-7 ta’ Mejju 2001. Inoltre hu ikkonferma illi s-socjeta assikuratrici tal-konvenut kienet inkarigatu jaghmel l-istess ‘survey’ ‘…..xi jumejn qabel ma ghamilt is-survey’.

d) John Lentini (fol 50 et seq ibid) ikkonferma illi Joseph Buttigieg kien gie inkarigat, kif premess mis-socjeta “Allcare Insurance Agency Limited”, illi bejn id-data ta’ dan is-‘survey’ u t-tieni wiehed hemm spazju ta’ seba xhur. Jigi notat, ukoll, illi l-istess xhud, testwalment qal “Ma jidhirlix li matul dawn is-seba’ (7) xhur qatt chadna espressament mas-socjeta attrici dan l-ewwel ssurvey”.

Ikkunsidrat

Illi, a basi tal-provi prodotti, ghandu jirrisulta illi dak sostnut mis-socjeta attrici nomine ghandu jigi accetat minn din il-Qorti ghas-semplici raguni illi l-istess socjeta’ hallset l-ammont mitlub fl-avviz lill-assikurat taghha a basi a’ ‘survey report’ maghmul minn ‘surveyor’ inkarigat mis-socjeta assikuratrici tal-konvenut stess u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi akkolta fuq dan il-fatt biss oltre li jidher li s-socjeta attrici kienet gustifikata li ma taccettax l-offerta ta’ pagament li saret mis-socjeta assikuratrici tal-konvenut (ara fol 26 tal-atti).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala responsabbli ghal dan l-incident minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut skond kif gie ammess minnu stess;
2. tillikwida l-ammont ta danni fis-somma ta’ Lm1670 u;
3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta’ Lm1670 bl-imghax legali mill-31 ta’ Lulju 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficajli tal-31 ta’ Lulju 2002, imsemmija fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------